MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 407/2006

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2006 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-4 ta' Mejju 1985;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġ ulied, u ċjoe' D ta' (15) ħmistax-il sena u E ta' (14) erbatax-il sena;

3. Illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba eċċessi, sevizzji, adulterju, vjolenza fiżika u

morali, theddid u nġurji gravi da parti tal-intimata, u wkoll minħabba inkompatibbilta' ta' karattru;

4. Illi r-rikorrent fetaħ medjazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti liema medjazzjoni ngħalqet mingħajr l-ebda eżitu.

5. Illi l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali snin ilu u kwindi l-partijiet huma separati *de facto* għal dan iż-żmien kollu;

6. Illi m'hemmx possibbilta' ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

Tgħid għalhekk l-intimata l-għala m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri D u E esklussivament lir-rikorrent u fin-nuqqas ta' dan, tiffissa ġranet idoneji sabiex ir-rikorrent ikun jista' jeżerċita d-dritt ta' aċċess liberu lejn uliedu;

3. Tawtorizża lir-rikorrent sabiex jgħix fid-dar matrimonjali ________________________________ *ad* eskluzjoni tal-intimata;

4. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti kif likwidata f'żewġ porzjonijiet u tassenja lil kull wieħed u waħda mill-partijiet waħda miż-żewġ porzjonijiet tal-komunjoni ta' l-akkwisti bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-intimata;

Bl-ispejjeż kontra l-intimata nġunta in subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta ppreżentata fi1-21 ta' Jannar 2008, li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. Illi l-konvenuta mhix qed topponi għas-separazzjoni personali tal-kontendenti iżda dana għal raġunijiet imputabbli lill-attur;

2. Illi l-konvenuta qed topponi t-tieni talba attriċi u dana billi l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri għandha tiġi fdata lilha u l-attur ikollu biss aċċess għall-istess ulied;

3. Illi l-konvenuta qed topponi għat-tielet talba attriċi u dana billi għalkemm huwa l-attur li baqa' jgħix fil-fond konjugali ma jeżistux l-estremi ddettati mil-liġi ħalli tintlaqa' tali talba;

4. Illi, a rigward tar-raba' u l-ħames talba, il-konvenuta mhix qiegħda topponi għax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u li l-istess komunjoni tinqasam f'żewġ porzjonijiet, iżda sakemm l-attur bħala ħati tal-firda matrimonjali ta' bejn il-kontendenti għandhom jiġu applikati fil-konfront tiegħu minn din il-Qorti d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli relattivi tal-Kapitoli 16 tal-Liġijiet ta' Malta, *inter alia*, l-Artikolu 48 tal-istess Kapitolu.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Settembru 2009 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottor Elena Naudi Depasquale bħala Assistenta Ġudizzjarju biex tisma' l-provi (in sostituzzjoni tal-Avukat Dottor Barbara O'Brien preċedentement nominata, u r-rapport tal-verbali tas-seduti li saru quddiemha;

Semgħet lill-Avukati;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Lulju 2011 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ngħad l-attur qed jitlob is-separazzjoni minn ma' martu l-konvenuta għas-soliti raġunijiet. L-attur fl-affidavit tiegħu a fol 62 xehed illi:

*"Ngħid illi żżewwiġt lill-konvenuta fl-4 ta' Mejju 1985. Konna domna għarajjes mill-inqas ħames snin. Miż-żwieġ tagħna kellna żewġt itfal u ċjoe' E ta' 17-il sena u D ta' 18-il sena.*

*Meta konna għarajjes diġa' kellna l-problemi. Waqt l-għerusija tagħna kienet diġa' bdiet tħawwad ma' rġiel oħra. Fil-fatt kellha date ma' raġel ieħor. Kienet qaltli li spicca kollox bejnietna u wara riċerki li għamilt sirt naf li kellha relazzjoni ma' persuna oħra. Minkejja dan, peress li jien kont inħobbha, għamilt minn kollox biex erġajt irranġajt magħha kif fil-fatt ġara.*

*Il-proposta għaż-żwieġ kienet għamlitha hi. Konna għadna żgħar u għidtilha m'għandniex għaġġla. Riedet tiżżewweġ malajr għax missierha kien ser imut u riditu jkun fir-ritratti. Jien ma ridx niżżewweġ għar-ritratti!*

*Wara ż-żwieġ il-problemi relatati ma' l-adulterju tagħha fil-konfront tiegħi baqgħu għaddejjin. Fil-fatt il-mara kienet telqet mid-dar matrimonjali xi sitt snin ilu kienet għamlet dan għaliex kellha lil xi ħadd ieħor. Kellha relazzjoni ma' ċertu F u marret tgħix għal rasha. Kienet marret tgħix ix-Xgħajra. Minkejja li kissret żwieġ biex tmur ma' dan Frank F spiċċa li ma tantx damet fir-relazzjoni miegħu, pero' ma ġietx lura d-dar matrimonjali minkejja li kont għadni nħobbha.*

*Lill-mara ma kontx navdaha għax kont nara ħafna affarijiet suspettużi. Dan kollu beda wara li darba qalet li kienet ħa toħroġ mal-ħbieb kif ġieli kienet għamlet. Dakinhar kienet damet sa xi t-tlieta ta' fil-għodu u meta ġiet lura kont irrabjajt ħafna għax trattat lili u lit-tfal ta' annimali. Meta għidtilha hekk kienet weġbitni li bejnietna kien spiċċa kollox. Dan ifisser li kienet mhux mal-ħbieb imma ma' dan F. Minn dakinhar bdejt nagħmillha l-għassa. Darba sibt irċevuta ta' kont ta' l-internet bl-indirizz ta' dan F. Kien għalhekk li kont immur ħdejn dan l-indirizz u kont nara l-*

*vettura tal-mara pparkjata. Darba anki kont rajtha ġejja bil-vettura u kif rat il-vann tiegħi ħarbet tiġri flok marret tipparkja. Miegħi kien ikolli lir-raġel t'oħti. Anness hemm ritrtatt dok EC fejn tidher il-vettura tiegħi li kienet issuq il-mara, Hyundai Excel ipparkjata fejn id-dar ta' F. Kont sibtilha ukoll ritratti ta' F.*

*Meta kienet għadha d-dar kienet tistenna t-tfal jorqdu u toħroġ mid-dar bil-moħbi. Kienet tħalli l-karozza barra u ma ddaħalhiex fil-garage biex ħadd ma jinduna li kienet ħarġet. Meta kont ngħidilha fejn kienet tmur, kienet tgħidli li marret tixtri s-sigaretti. Hi kienet iddum xi 3 siegħat barra. Dak iż-żmien it-tfal kellhom 10 u 9 snin. Hi kienet tgħaddi ħafna ħin tiċċettja fuq l-internet. Kienet abbonata mal-maltanet. Ġieli kont inkun fil-kamra tas-sodda u hi taqbad u toħroġ bil-moħbi tiegħi u tat-tfal wara li kienet qed tkun tiċċetja ma' xi ħadd fis-satra tal-lejl. Sfortunatament dan il-kompjuter kien inħaraqli. Darba oħra kont sibtilha ukoll xi cards tal-birthday b'isem F u ta' raġel ieħor Spanjol li kienet tiċċettja miegħu fuq l-internet. Sibtilha ukoll mazz ċwievet li jien qatt ma rajt u ma kontx naf bihom, ta' xi dar.*

*Qabel ma kienet telqet mid-dar hija kienet marret għand social worker u qaltli biex immur jien ukoll. Jien mort ghax qatt ma kelli intenzjoni li nkisser iż-żwieġ. Marti kienet gidbet mas-social worker li jien kont insawwatha, ma ntijhiex flus u li moħħi fix-xogħol u l-politika u li ħin għaliha m'għandix. Dan kollu mhux veru għax fil-fatt kienet il-mara li kienet tgħaddi l-ħin kollu tiċċettja tant li kont insajjar jien, naħsel l-art u l-ħwejjeġ anki tat-tfal jien meta hi ma kienet tagħmel xejn. Peress li spiċċajt nagħmel kollox jien, kienet qaltli li kulma kien għad fadal hu li nitfagħha 'l barra u jien għidtilha li dak m'hu se nagħmlu qatt. Is-social worker kienet stednitna biex immorru t-tnejn flimkien u meta għidt lil mara biex immorru hi rrifjutat. Spiċċajna biex ma morniex. Is-social worker kienet qaltli li l-mara kienet se titlaq u ndunat li kellha 'l -xi ħadd ieħor għax spiċċat issaqsini jekk lest naħfrilhiex jekk kellha 'l xi ħadd ieħor.*

*Jien għamilt minn kollox biex nipprova nsalva ż-żwieġ imma l-mara qatt ma riedet. Minn dejjem kellha l-ħsieb li titlaq minkejja illi ma kien jonqosha xejn.*

*L-mara kienet qabdet u telqet mid-dar matrimonjali. Kienet tippakkja bil-mod il-mod il-ħwejjeġ tagħha. Kienet tgħid li tkun xogħol meta fil-fatt ma kienetx tkun xogħol imma kienet tkun ma' l-ieħor. It-tfal kienu jiġu mill-iskola u minflok isibu lil ommhom li suppost kienet tkun lura mix-xogħol, kienu jiġu jsibu lili peress li l-ħanut tiegħi kien taħt id-dar, filwaqt li ommhom kienet qed tkun ma' raġel ieħor.*

*Dan kollu lili kien kissirni mentalment. Kelli hanut ta' mastrudaxxa u kelli ftit xogħol mhux ħażin. Pero' minħabba l-problemi illi qalgħetli l-mara, spiċċajt f'depressjoni kbira u kont qed inħossni qed niġġennen tant illi spiċċajt għalaqt il-ħanut. Kont għalhekk sibt xogħol ieħor bħala mpjegat bħala maintenance għaliex jien ridt neħu ħsieb it-tfal tiegħi għax jien dejjem kont responsabbli.*

*Darba niftakar li mort lura d-dar u sibt ħafna affarijiet neqsin. Ħadet il-karozza, id-deheb kollu li ġie donat mill-qraba tiegħi u l-affarijiet personali tagħha. Kienet ħadet ukoll televizjoni xi ħmistax wara. Din telqet mid-dar matrimonjali bit-tfal b'kollox bla ma jien kont naf fejn kienu marru. Kont sibt ittra mit-tfal li kienet tgħid li telqu biex ma jibqgħux jarawni inbati. Dan jidher mill-annessi ittri dok X*

*It-tfal bdejt narhom nhar ta' Hadd biss għalkemm E kienet tiġi iktar ta' spiss tant li llum ilha tgħix miegħi sa xi tlett snin ilu. D għadha tiġi nhar ta' Ħadd biss. Lill-mara kont nagħtiha Lm100 fix-xahar għat-tifla imma meta E kienet ġiet miegħi kont waqqaftilha Lm50. Niftakar li meta ġejt bil-paga kont nagħtiha Lm200 fix-xahar u allura ma nafx kif tista' tgħid li qatt ma tajthiex flus. Kienet anki torqod miegħi fis-sodda avolja konna għaddejjin bis-separazzjoni.*

*Manteniment għaliha l-mara qatt ma talbitni u dan anki għall-fatt illi hija taħdem. Moħħha biex toħroġ u tmur parties taż-żgħażagħ. Minn dejjem hekk kienet anki meta konna miżżewġa. Kienet tkun trid toħroġ kważi kuljum*

*Paceville u nħallu t-tfal waħedhom u jien ma kontx inkun irrid għax it-tfal kienu għadhom żgħar.*

*Il-mobile tagħha lanqas biss kont nista' mmissu għax kienet tgħid li għandu jkollha xi ħaġa privata tagħha. D qegħda magħha u minn ħin għall-ieħor it-tifla titlobni l-flus għal privatijiet, kompjuter u kull ħaġa oħra li jkollha bżonn apparti l-manteniment.*

*Il-karozza Hyundai li ħadet hi kemm-il darba rajtha misjuqa minn rġiel differenti u dan meta hi ma kienetx tkun preżenti. Darba kont waqqaft wieħed li kien qed isuqha u għidtlu biex ma narahx jerġa' jsuqha. Ċemplilha lill-mara biex jinfurmaha.*

*Xi żmien ilu kienet qabdet id-dar u kont għamilt xi spejjeż biex nirranġaha. L-ispejjeż kienu konsiderevoli u l-intimata qatt ma ġiet biex tagħti kontribuzzjoni tagħha għad-dar matrimonjali."*

Illi da parti tagħha l-konvenuta li mhix topponi għas-separazzjoni, iżda skond hi, għal raġunijiet imputabbli lill-attur, qalet illi:

***"<u>Ħtija tal-Firda</u>***

*Ngħid illi jiena żżewwiġt meta kelli l-eta' ta' wieħed u għoxrin sena lil A B nhar l-4 ta' Mejju 1985. Minn dan iż-żwieġ kellna żewġ ulied D u E li llum-il ġurnata huma t-tnejn maġġorenni.*

*Fil-bidu taż-żwieġ tagħna aħna konna ngħixu mal-ġenituri tiegħi u wara ħames snin morna noqogħdu fid-dar li konna bnejna matul dawn il-ħames snin. Nispjega illi l-art li fuqha nbniet id-dar kienet inxtrat minn A xi tliet xhur qabel ma żżewwiġna.*

*Ngħid illi malli twieldu t-tfal, jiena kont ta' spiss nirrimarka lir-raġel tieghi illi hu għandu jqatta' aktar ħin mal-familja, u dana għaliex hu kien iqatta' ħafna ħin ix-xoghol u f'każini politiċi. A kien jgħidli li qatt ma jista' jlaħħaq mal-ħajja meta dan kellu business. F'dan ir-rigward ngħid illi lili ma*

*kienx jafdani fil-flus u kont nispiċċa nitolbu l-flus għax ma kienx jagħtini biex nixtri l-ikel għall-familja u jien meta t-tfal kienu żgħar ma kontx naħdem.*

*Kif ġja' spjegajt, apparti l-problema tal-flus, problema kbira kienet li meta ma kienx ikun qed jaħdem xorta ma kienx iqatta' ħin miegħi u ma' uliedna nkluż fil-weekends għax kien aktar moħħu f'attivitajiet politiċi. Għalhekk jiena kont nispiċċa dejjem waħdi mat-tfal u li rrid nara għal bżonnijiet tagħhom kollha jiena minkejja li ma kellix mezzi finanzjarji biżżejjed biex nagħmel dan għax biex jagħtini l-flus kien ikolli noqgħod niġġustifika x'ser nagħmel bihom. Saħansitra biex immur nixtri mis-supermarket kien ikun irid jiġi miegħi biex jara li żgur ma nonfoqx aktar milli jiddeċiedi hu.*

*Ngħid illi kien hemm perjodu wara madwar ħmistax-il sena miżżewġin, meta x-xogħol lir-raġel kien naqaslu u b'hekk aktar beda jsibha bi tqila biex jagħtini l-flus għall-familja. Fil-fatt, kien ikolli ninżel fil-workshop tiegħu nitolbu l-flus, ħafna drabi quddiem klijenti tiegħu, u kien jagħtini xi ħames liri Maltin biex nixtri bihom. Minħabba f'hekk, u għall-ġid tat-tfal, jiena kont bdejt naħdem fuq bażi part-time biex ikolli biex ngħajjex lil uliedi. Niftakar li meta rani qed naqla' ftit flus, kien spiċċa jitlob il-flus lili hu u għax darba tajtu kemm kien jaghtini hu, u ċjoe' ammont żgħir ta' flus, kien irrabbja u spiċċa refa' jdejh fuqi fil-preżenza tat-tfal tagħna.*

*Niftakar ukoll illi jiena ġieli saqsejtu biex jgħinni f'xi faċendi tad-dar peress li jien kont qed naħdem u hu kien naqaslu x-xogħol sew u kien qrib ħafna d-dar tagħna għaliex il-workshop kien taħt id-dar. F'dan ir-rigward ngħid illi meta kien jagħmel xi ftit minn dawn il-faċendi, kien jispiċċa jgħajjarni u jgħid man-nies li d-dar qed jagħmel kollox hu, meta fil-verita' aktar kien iqatta' ħin fil-każini milli d-dar.*

*F'dan l-istadju jien kont imweġġa' ħafna, pero' dejjem xtaqt li nsalva ż-żwieġ tagħna, l-aktar minħabba t-tfal. Fil-fatt kont anke ssuġġerejt li mmorru għand Marriage Counsellor biex nippruvaw insolvu d-differenzi ta' bejnietna. Konna morna quddiem counsellor darba kull*

*wieħed separatament. Hawnhekk jiena lil din il-cousellor għidtilha bil-problemi ta' bejnietna, fosthom li A kien moħħu fil-politika, fix-xogħol u li ma kienx jagħtini flus u ma jafdanix. L-istess counsellor kienet qaltli li la r-raġel m'għandux relazzjoni oħra, jiena għandi nissaporti u nibqa' f'dan iż-żwieġ. Għal din ir-raġuni jiena ma xtaqtx li mmur iktar għal dan il-counselling għaliex il-problemi taghna ma kienux ser jissolvew billi jiena nibqa' naċċetta kulma jagħmel u jgħid ir-raġel tiegħi.*

*Ngħid illi jiena u r-raġel konna spiċċajna ma norqdux flimkien ġewwa l-istess dar u jien kont norqod mat-tifla tagħna D.*

*Wara dan, jien iddeċidejt li kelli nitlaq mid-dar u dan anke għaliex A kien dejjem jgħidli li jien m'għandi xejn, għax l-art kienet tiegħu u kulma kellna kien jixtrih f'ismu biss. Ngħid illi jiena tkellimt mat-tfal dwar dan, li kienu jafu sew x'qed jiġri bejnietna u li kienu jaraw kemm kont maħqura ma' missierhom. Fil-fatt, għalkemm ta' eta' żgħira, it-tfal kienu ddeċidew minn jheddhom li jiġu miegħi f'appartament li kelli nikri biex noqgħod il-bogħod mir-raġel li kien iċaħħadni minn tant bżonnijiet.*

*Ngħid illi, sakemm it-tfal baqgħu jgħixu miegħi, jiena kont minn jheddi noħodhom jaraw lil missierhom biex iżommu kuntatt miegħu u saħansitra kont immur għalihom lura jiena, għax kieku ma kontx nagħmel hekk, lanqas kien jiġi jarahom. Jien kont nagħmel dan minkejja li lit-tfal kien jispiċċa jgħidilhom li kulma ġara kien ħtija tiegħi u li jiena kont tlaqt għax kelli relazzjoni oħra. Kif jistgħu jixhdu t-tfal stess, peress li kienu jgħixu miegħi, jien dak iż-żmien ma kelli ebda relazzjoni u l-persuni li A kien daħħal f'rasu li kelli relazzjoni magħhom kienu ħbieb tiegħi li dejjem għinuni meta kelli bżonn.*

*Nghid ukoll, illi lit-tfal kien jgħidilhom li qed iqabbad investigaturi biex isegwu il-passi tiegħi, pero' jiena qatt ma ħadt azzjoni f'dan ir-rigward għax kont naf li jien ma kont qed nagħmel xejn ħażin, u lanqas qatt ma kellimt lil A dwar dan għax konna waqafna nitkellmu bejnietna. Lit-tfal*

*tagħna, kien jgħidilhom ukoll li għalaq il-ħanut minħabba fija, għaliex kien jgħidilhom li qabditu dipressjoni.*

*Ngħid illi, peress li t-tifla tagħna E kienet tmur skola l-Hamrun u ma xtaqtx li tibdel l-iskola għax hi stess riedet tibqa' hemm, jiena kont għidt lil A biex it-tifla taqbad it-transport mid-dar matrimonjali tagħna f'____________ għaliex minn _______, u ċjoe' fejn mort noqgħod jien, ma kienx hemm dan it-transport. A ma kienx xtaqu dan, iżda wara ħafna nsistenza min-naħa tiegħi u tat-tifla stess kien aċċetta. Għalhekk jiena kont neħodha d-dar ________ kull fil-għodu u nerġa' niġborha minn hemm meta tispiċċa. A minħabba din ir-raġuni kien jgħid li E tkun il-ħin kollu miegħu, meta fil-verita' dan ma kienx minnu.*

*Nispjega illi meta tlaqt mid-dar jiena ħadt miegħi xi ftit affarijiet biex jien u t-tfal ikollna biex ninqdew u dawn kienu television żgħir, ħwejjeġ, id-deheb tat-tfal li sal-lum għadni nzommulhom jien, u waħda mill-karozzi li għandna biex inkun nista' nwassal lit-tfal u mmur ix-xogħol. Din il-karozza llum il-ġurnata qegħda fil-pussess ta' A. Fir-rigward ta' dawn l-oġġetti t-tfal stess qaluli li tgħidx kemm iġġieled magħhom għax ħadnihom, meta fil-fatt kien hemm ħafna aktar affarijiet li nxtraw waqt iż-żwieġ u li żammhom sal-lum A.*

*Meta konna qed ngħixu separatament, A kien jgħaddili Lm 100 fix-xahar bħala manteniment għal uliedna li mbagħad naqqashom għal Lm 50 meta E bdiet tgħix aktar miegħu. Qatt ma tani ammonti akbar minn dawn bħala manteniment.*

***Komunjoni tal-Akkwisti***

- *Id-dar matrimonjali (eskluża l-art li nbniet fuqha għaliex tappartjeni lil A)*

- *Il-garaxx sottostanti d-dar (eskluża l-art li nbena fuqha għaliex tappartjeni lil A)*

- *Il-mobbli kollha ta' ġewwa d-dar inklużi kċina, tliet kmamar tas-sodda, bibien, salott, żewġt ikmamar tal-banju*

- *Makkinarji relatati max-xogħol ta' mastrudaxxa li jinsabu fil-workshop*

- *Il-Vettura tat-tip Hyundai ta' kulur abjad*

- *Vettura tat-tip Isuzu*

***Assi Parafernali Tiegħi***

*Min-naħa tiegħi dawn kienu minimi u mhux ser noqgħod nelenkahom. Jiena m'għandi l-ebda pretensjoni f'dan ir-rigward*

***Pjan ta' Qasma***

*Li jsegwi hija lista ta' assi li jinsabu fil-pussess ta' A B u li jiena ma noġġezzjonax li jibqgħu fil-pussess tiegħu basta niġi mogħtija s-segwenti ammonti fi flus li jmissni skont il-liġi:*

***Proprjeta' Immobiljari***

*Jiena nixtieq illi ssir valutazzjoni tal-bini tad-dar matrimonjali bl-indirizz: _________________________ u tal-bini tal-garaxx sottostanti l-istess dar, liema bini sar matul iż-żwieġ meta konna ngħixu għand il-ġenituri tiegħi u jien dak iż-żmien kien għad kelli mpjieġ full time, flimkien ma' valutazzjoni tal-għamara u l-benefikati kollha li saru ġewwa din id-dar u l-garaxx (li jinkludi ix-xiri ta' diversi makkinarji u għodod) ħalli b'hekk jiena nieħu nofs dan il-valur.*

***Kontijiet Bankarji***

*Fir-rigward ta' kontijiet bankarji jiena nixtieq li nieħu nofs l-ammont ta' flus li dawn jista' ikun fihom, liema ammont ma nafux għax il-kontijiet A kien jiftaħhom fuq ismu u ma kienx jagħtini rendikont.*

***Vetturi***

*Fir-rigward taż-żewġ vetturi jiena nixtieq li nieħu nofs il-valur tagħhom."*

**TORT**

Illi l-Qorti wara li eżaminat il-provi kollha jidhrilha li kienet il-konvenuta li kissret irrimedjabbilment iż-żwieġ billi telqet mid-dar konjugali u r-risposti tagħha in kontro-eżami ma huma konvinċenti xejn. Il-Qorti hija għalhekk konvinta li l-konvenuta kienet ħatja ta' nġurji gravi fil-konfront tal-attur anzi tasal biex tgħid li anke hemm provi suffiċjenti li kkommettiet adulterju.

**KUSTODJA TAT-TFAL**

Illi jirriżulta ċar illi t-tfal tal-partijiet ma baqgħux minuri matul il-kors tal-kawża u għalhekk ma hemm xejn li l-Qorti għandha tiddeċiedi fir-rigward.

**QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI**

Illi ma hemmx kontestazzjoni illi d-dar konjugali msemmija fir-rikors inbniet fuq art li l-attur xtara qabel iż-żwieg tiegħu mal-konvenuta u għalhekk il-proprjeta' *ut sic* ma taqax fil-komunjoni tal-akkwisti. Ma hemmx dubju lanqas illi skond il-provi li tressqu l-bini attwali tad-dar sar matul iż-żwieġ. Fil-fatt il-konvenuta aċċennat għal dan fl-affidavit tagħha madankollu ma ressqet ebda prova dwar il-valur tax-xogħlijiet li saru biex inbena l-post. Għalhekk f'din il-kawża, il-Qorti ma tistax takkordalha n-nofs ta' dak il-valur ladarba hija stess ma ressqitx provi dwar il-konsistenza ta' dak il-valur; il-Qorti pero' biex tassikura li ssir ġustizzja se tħalli impreġudikat id-dritt li titlob dan l-ammont. Il-Qorti tħoss ukoll li tista' tagħmel dan minħabba li ma hemmx talba *ut sic* fir-rigward. Peress li l-attur huwa proprjetajru tal-fond u l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali ma hemm ebda problema għall-Qorti li tilqa' t-tielet talba tiegħu għal kull *buon fini*. Mill-bqija hemm diversi kontijiet bankarji u assi fil-borża li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti. Il-partijiet jidher li fil-pussess tagħhom għandhom vettura kull wieħed li xieraq

li jkunu assenjati lilhom. L-attriċi għamlet referenza żgħira għall-mobbli li hemm fid-dar mingħajr pero' ma speċifikatx x'inhuma l-valuri relattivi.

**MANTENIMENT**

Illi ma hemmx talbiet għall-manteniment f'din il-kawża.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti tort tal-konvenuta;**

**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba peress li t-tfal issa huma maġġorenni;**

**3. Tilqa' t-tielet talba;**

**4. Tilqa' r-raba' u l-ħames talba u dan billi tordna li l-assi kollha fil-Borża ta' Malta u l-kontijiet bankarji u kull titolu ma' istituzzjoni ta' kreditu, fosthom ishma ta' soċjetajiet u ta' skemi kollettivi ta' tifdil kollha f'isem il-partijiet sija konġuntivament u sija waħedhom jiġu maqsuma billi kull parti tieħu nofs l-istess assi u kontijiet bankarji; l-attur jiġi assenjat il-vettura Isuzu u l-konvenuta l-vettura Hyundai; jibqa' impreġudikat id-dritt tal-konvenuta li titlob nofs il-valur tax-xogħlijiet li saru biex inbniet u ġiet abbellita d-dar matrimonjali mid-data taż-żwieġ sal-lum. Kull dejn li sar mill-partijiet mill-1 ta' Jannar 2005 sal-lum ikun a kariku ta' min għamlu. Tilqa' t-talba li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------